MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 1724/2001/1

**Andrew Mifsud**

**vs**

**Isabelle Ruggier**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fit-18 ta' Lulju, 1997, mill-liema zwieg m'ghandhomx tfal.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg iniffsu jew ta' xi wiehed jew wahda aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga;

Illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19 (1) (g) u/jew (d) a/jew (f) tal-Att XXXVII tan-1975 li Jirregola z-Zwiegijiet.

Illi l-istess attur ghalhekk talab li l-konvenuta tghid ghaliex ma ghandiex din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta huwa null u bla effett; u

L-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta sabiex tidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 u 5 tal-process;

Rat il-verbal tas-6 ta’ Marzu 2002.

Rat in-nota tal-attur tas-26 ta’ Marzu 2002 fejn permezz taghha prezenta erba’ affidavits (fol 12 sa fol 26 tal-process.

Rat il-verbal tad-9 ta’ April 2003 fejn Dr Peter Borg Costanzi ghall-konvenuta ta’ ruhu b’notifikat ghall-istess bl-avviz tas-smiegh tal-kawza u bic-citazzjoni attrici.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta a fol 30 fejn gie eccepit:

Illi ghalkemm hija taqbel illi z-zwieg huwa null, hija ssostni illi dan ghandu jkun hekk ghar-ragunijiet eskussivament imputabbli ghall-attur li wera difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha u inoltre, il-kunsens tieghu inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta'

xi wiehed jew wahda mill-aktar elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi ghalhekk t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti izda l-eccipjenti m'ghandhiex tbati spejjez.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta’ xhieda tal-konvenuta a fol 31 tal-process;

Rat il-verbal tat-8 ta’ Mejju 2002 fejn il-konvenuta u d-difensur taghha gew imsejha diversi drabi izda baqghu ma dehrux, u ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Gunju 2002.

Rat ir-rikors tal-konvenuta tat-8 ta’ Mejju 2002 (fol 34) fejn tablet li l-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u testendi l-perjodu ghall-prezentata ta’ l-affidavits, u d-digriet tal-Qorti tad-9 ta’ Mejju 2002 fejn il-Qorti laqghet it-talba.

Rat il-verbal tas-27 ta’ Gunju 2002.

Rat in-nota tal-konvenuta tad-9 ta’ Awissu 2002 fejn gew prezentati erba’ affidavits (fol 38 sa 62 tal-process).

Rat in-nota tal-konvenuta tat-8 ta’ Novembru 2002 fejn permezz taghha gie esebit affidavit tan-Nutar Margaret Heywood.

Rat il-verbal tat-13 ta’ Novembru 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta’ Mejju 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) PROVI PRODOTTI

Illi fl-affidavit tieghu **l-attur Andrew Mifsud** sostna:

"*1. Fit-18 ta' Lulju, 1997, jiena zzewwigt lil Isabelle Ruggier. Minn dan iz-zwieg ma kellniex tfal.*

*2. Jiena u Isabelle konna ilna gharrajjes xi disa' snin. Malli bdejt nohrog ma' Isabelle, ommha minnufih kienet oggezzjonat ghal din ir-relazzjoni. Nispjega li omm Isabelle tbati minn multiple sclerosis, u malli bintha bdiet tohrog mieghi, hija bdiet tibza' li jiena kont ser nehodilha. Filfatt Isabelle mal-ewwel gharrfitni li ommha toggezzjona ghal kull relazzjoni li jkollha u mhux ghar-relazzjoni taghna biss.*

*Ghal bidu kellna hafna nkwiet minhabba l-bsaten fir-roti li bdiet taghmel omm Isabelle. Per ezempju, meta kont incempel lil Isabelle, ommha dejjem kienet tghidli li ma tkunx qeghda hemm, ghalkemm hija kienet tkun hemm; f'diversi okkazzjonijiet omm Isabelle qatatli t-telefon; hafna nies kienu jghiduli li omm Isabelle kienet tghid kontra tieghi maghhom; lil Isabelle kienet kontinwament ixxewwixa kontrieha.*

*Missier Isabelle stess kien avvicinani u talabni nifhem is-sitwazzjoni u nissaporti, peress li din kienet parti mill-marda. Fil-fatt jiena domt nissapporti dawn l-intoppi ghal xi tlett snin.*

3. *Wara tlett snin li jiena kont ili nohrog ma' Isabelle, omm Isabelle dahlet Boffa fejn ghadha sal-lum. Isabelle bdiet tmur taraha darba fil-gimgha jew darba kull gimghatejn. Minkejja li omm Isabelle dahlet l-Isptar hija xorta wahda baqghet toggezzjona ghal din ir-relazzjoni, tant li jiena qatt ma mort naraha Boffa, peress li hija dejjem irrifjutat li tarani. Dan id-disgwid bejni u bejn omm Isabelle affettwa wkoll ir-relazzjoni tieghi ma' oht Isabelle, Nathalie, tant li relazzjoni bejni u bejn Nathalie qatt ma tjiebet minkejja li jiena zzewwigt lil Isabelle.*

*4. Da parti taghha Isabelle, malli mardet ommha, saret il-mara tad-dar, tant li hija kellha titlaq l-istudji taghha. Mhux biss izda hija refghet ir-responsabbilta ta' ohtha li kienet ferm izghar minnha. Ghalhekk Isabelle tilfet iz-zghozija taghha u tghabbiet bir-responsabbilta mal-ewwel. Hija kienet tip ta' persuna li malli tkellimha tinduna li ghandha xi haga tinkwetha. Rari kont tara lil Isabelle tidhaq jew ticcajta. Kienet dejjem tkun serja.*

*5. Nghid li wara xi erba' snin li konna ilna nohorgu flimkien, jiena kont xtrajt maisonette minghand missieri. Kont tlabt lil Isabelle u lil missierha biex jigu mieghi l-Bank, anke biex ikunu jafu x'qed naghmel. Wara li ffirmajt il-kuntratt, Isabelle ghamlet xenata ghax pretendiet li l-post jinqaleb fuq isimha wkoll. Peress li ahna sa dak iz-zmien ma kellniex hsieb ghaz-zwieg, jiena ghidtilha li kien ikun prematur li nixtru proprjeta flimkien. Ghalkemm hija accettat dan, xorta wahda bqajna naqra bit-tikketta fuq din il-kwistjoni.*

*6. Jiena u Isabelle hadna l-engagement xi tlett snin qabel izzewwigna. Niftakar li jiena kont organnizzajt il-festin wahdi. Il-catering u x-xorb hadt hsiebhom jiena u l-festin sar fil-villa ta' hija. Isabelle hadet hsieb il-cake biss.*

*L-ewwel inkwiet li kelli kienet ovvjament dwar omm Isabelle. Din kienet mistiedna pero' assolutament ma riditx tattendi. Mhux biss izda omm Isabelle kienet ghamlitilha xenata kbira l-Isptar. Flimkien ma' omm Isabelle, kien hemm iz-zija taghha xebba, Connie, li wkoll kienet kontinwament twissi lil Isabelle biex thassar ir-relazzjoni u biex tisma' minn ommha. Ghalhekk jiena ma kontx sodisfatt ghall-ahhar bl-engagement party, peress li dan l-inkwiet kien qed idejjaqni ferm. Isabelle da parti taghha kienet qeghda tinjora lil ommha u lil zijitha.*

*Bhallikieku dan ma kienx bizzejjed, Isabelle kienet waslet siegha u nofs tard ghall-engagement party. Jiena hadtha bi kbira ferm peress li kelli nilqa' n-nies wahdi u naghti spjegazzjoni ghalfejn Isabelle ma kenitx hemm hekk. Ghalija dan kien ifisser li Isabelle ma kelliex interess f'dan*

*l-engagement party u hadtha bhala kwistjoni personali. Meta waslet ghal party hija kienet friska bhal hassa, u qaltli li waslet tard ghax baqghet taghmel il-make up. Jiena minn hemmhekk irrejalizzajt li ghal Isabelle xejn mhu mportanti, hlief il-piz li kellha fil-hajja.*

*Isabellle kien mohhha biss f'missierha u f'ohtha, u kienet tinkwieta kif ser ikampaw. Mhux biss izda kienet tizvoga d-dwejjaq taghha fix-xoghol tant li kienet tahdem sieghat twal.*

*7. Apparti l-inkwiet li kellha, Isabelle hija persuna rizervata ferm. Lanqas biss kienet tiftah qalbha mieghi, tant li kont inhoss li kien hemm hajt bejnietna li ma stajtx neghlbu. Jiena kont naghmel minn kollox biex inferrahha, anke peress li kont nithassarha, dejjem bid-dwejjaq.*

*Fil-fatt darba minnhom organizzajtilha surprise birthday party, Il Piccolo Padre. X'hin wasal il-hin tal-cake, jiena qomt inbusha, u hi mbuttatni u ghamlitli xenata quddiem il-familja tieghi kollha. Jiena tant iddispjacini li kont tlaqt 'il barra mir-restaurant u qbadt taxi ghad-dar.*

*Isabelle ma kenitx stramba mieghi biss, izda kienet hekk ma kulhadd. In partikolari jiena kont ninnota li hija kienet izzomm ruhha maqtughha min-nies, specjalment minn missieri u ommi. Da parti taghha ommi kienet thobbha ferm, pero' Isabelle assolutament kienet izzomm il-boghod minnhom. Fil-fatt ghalkemm ghamlet xi zmien torqghod id-dar tal-genituri tieghi fil-weekend, hija bil-kemm kienet tkellimhom, tant li darba minnhom ommi rrimarkatilha dwar dan. Ommi u missieri kienu jqisu l-attegjament ta' Isabelle bhala nuqqas ta' edukazzjoni.*

*8. Minkejja dawn il-problemi u diffikultajiet kollha jiena u Isabelle xorta wahda ddecidejna li nizzewwgu. Nispjega li ahna tant konna ilna nohorgu flimkien li spiccajna niffurmaw parti mill-hajja tal-iehor. Dak iz-zmien ma kontx irrejalizzajt li ahna konna qisna ahwa u mhux gharrajjes. Min-naha l-ohra jiena qatt ma kelli kuragg li nitlaq lil Isabelle. Hija bizzejjed kellha problemi li jiena qatt ma*

*stajt inweggaghha u nabbandunaha u niltaqaha. Kien ghalhekk li z-zwieg sar l-unika triq li bdejna naraw.*

*9. Ftit xhur qabel izzewwigt missieri tani somma flus bhala rigal. Jiena kont infaqt din is-somma fid-dar tieghi, kif ukoll xtrajt dghajsa.*

*10. Meta konna wasalna biex nizzewwgu, omm Isabelle ghall-ewwel xorta baqghet toggezzjona. Pero' fl-ahhar erbat ijiem hija baghtet ghalija u talbitni nahfrilha. Niftakar li marru jkellmuha ommi u missieri. Da parti taghha Isabelle u missierha hassewhom relieved, pero' l-hsara kienet diga' saret. Ommha kienet giet ghat-tieg taghna fuq wheelchair.*

*11. Wara ftit granet li zzewwigna Isabelle bdiet taqla' l-inkwiet dwar id-dar. Hija bdiet issostni li jiena u missieri dhaqna biha meta ghamilt id-dar fuq ismi. Ghamlet ftit granet il-hin kollu tgerger dwar din il-problema, u ghal darb'ohra biex nikkuntentaha u ma nibdewx iz-zwieg taghna fuq sieq hazina, ffirmajtilha rcevuta ta' sebat elef lira (Lm7,000), ghamilt testment fejn hallejtilha l-gid tieghi kollu. Meta rat hekk Isabelle qaghdet ghal ftit zmien.*

*12. Ftit gimghat wara li zzewwigna, Isabelle bdiet iddum aktar mis-soltu x-xoghol. Filfatt ma kenitx tirritorna qabel l-10.00 p.m. Peress li konna ghadna mizzewgin friski, u ma kienx hemm raguni finanzjarja l-ghala din kellha ddum dawn is-sieghat kollha x-xoghol, jiena oggezzjonajt ghal dawn il-hinijiet. Min-naha taghha hija kienet tinjorani kompletament u l-ghada terga' taghmel l-istess. Jiena spiccajt naghmel ix-xoghol tad-dar jien, kif ukoll kont insajjar, ghalija u ghaliha. Hi kienet tigi d-dar u bil-kemm kienet tiekol l-ikel li nsajjar.*

*Jiena kont nirrabja l-aktar peress li hija lanqas biss kienet iccempel biex tavza li ser iddum. Dejjem kienet iggib bhala skuza li ma sabitx telefon minn fejn iccempel. Ghalhekk kont tajtha l-mobile tieghi, pero' meta kont incempel, dan il-mobile dejjem kont insibu mitfi .*

*Dan kienet taghmlu anke meta kien ikollna n-nies ghall-ikel. Jiena kont nipprepara kollox, il-mistiednin kienu jaslu u Isabelle tasal xi siegha u nofs warajhom.*

*Wara biss ftit gimghat, jiena u Isabelle spiccajna qisna zewg barranin nghixu taht l-istess saqaf. Lanqas biss konna nikkomunikaw bejnietna.*
*Problema ohra li nqalghet kienet meta darba cempilt fuq ix-xoghol, u shabha qaluli li Isabelle kienet hadet jumejn off. Isabelle da parti taghha lanqas biss kienet avzatni b'dan. Fil-ghaxija Isabelle xorta wahda giet tard id-dar, u x'hin staqsejtha fejn kienet hija qaltli li harget ma habibitha Jane. Jien kont naf li din Jane kellha ftit tahwid f'hajjitha, tant li kellha relazzjoni extra-maritali ftit qabel iz-zwieg. Lil Isabelle ghidtilha car u tond li ma kontx qed niehu gost li qed taghmilha maghha, pero' marti ghal darb'ohra injoratni kompletament. Kont qiesni qed nitkellem ma' hajt minghajr ebda reazzjoni.*

*Wara ftit xhur, Isabelle bdiet tohrog mal-klikka t'ohtha Nathalie, tant li spiccat qiesha xebba. In partikolari kien hemm habiba ta' Nathalie, certa Sandra, li kienet separata u Isabelle bdiet tkun maghha ta' sikwit. Sa dan il-perjodu, ir-relazzjoni bejni u bejn Isabelle kienet spiccat kompletament, ghalkemm konna ghadna kif zzewwigna. Hija kienet tohrog ma' shabha minghajr ma tavzani u sahansitra sirt naf li ser tbiddel ix-xoghol minghand il-hbieb taghna.*

*Ghalhekk ahna morna ghal counselling ghand Mariella Agius, u niftakar li fuq domanda ta' Mariella jekk ghadhiex thobbni, Isabelle irrispondiet "I care for him, but I do not love him". Fuq domanda ohra jekk kenitx thobbni meta zzewwigna, Isabelle sostniet li wara jumejn li zzewwigna waqfet thobbni.*

*Meta rajt li marti kienet abbandunatni wara li jiena kont ghamilt minn kollox ghaliha, qabditni depression. Isabelle assolutament ma ghamlet xejn biex tghini u darba minnhom mort id-dar u ma sibthiex hemmhekk. Jumejn wara Isabelle bghattili sorry card.*

*Ftit zmien wara jiena nzertajt lil Isabelle l-Oracle Casino ma' ragel ta' nazzjonalita Gharbija. Minn hemmhekk jiena ma baqghaliex interess fiha u ghalhekk konna sseparajna."*

Illi gew prezentati wkoll tlett xhieda ohra mill-attur li lkoll taw ix-xhieda taghhom permezz tal-procedura tal-affidavit, u dawn huma: l-Avukat Dr Alfred Mifsud – missier l-attur, Molly Mifsud – omm l-attur, u Albert Mifsud – li jigi hu l-attur (minn fol 18 sa 26 tal-process).

Illi fl-affidavit taghha l-**konvenuta Isabelle Ruggier** sostniet illi:

*"1. Jiena u Andrew Mifsud izzewwigna fit-18 ta' Lulju 1997 u konna ilna nohorgu flimkien madwar seba' snin. Tgharrasna xi tliet snin qabel iz-zwieg.*

*2. Meta bdejt nohrog ma' Andrew, ommi kienet tinkwieta ghalija ghax rat li ahna kellna karattri differenti. Fil-fatt kienet twissini biex noqghod attenta specjalment ghax kien ihobb jonfoq hafna u kellu kunfidenza zejda.*

*3. Jiena, fil-bidu li sirt naf lil Andrew kelli job full-time mal-Milano Due bhala accounts clerk. Fit-fatt bdejt nahdem part-time filghaxijiet xi zmien wara li bdejt inkellem lil Andrew bil-hsieb li infittxu nhallsu d-dar li kien behsiebna nixtru 'l quddiem.*

*4. Andrew, sadattant, kien spicca mill-job li kellu mal-Milano Due bhala receptionist. Eventwalment missieri kien sablu job full-time mad-Dipartiment tas-Sanita' tal-Gvern. Fl-istess hin kellu diversi part-time jobs f'lukandi u stabbilimenti ta' l-ikel.*

*5. Xi tlett snin wara li konna nohorgu flimkien, gejna biex nixtru d-dar. Andrew kien diga ddecieda li jrid jixtri d-dar li kien qed joffrilu missieru. Jien ridt li din id-dar titnizzel fuq isimna t-tnejn la konna ser nixtruha flimkien imma missier Andrew ma riedx ghax qalli li jekk jaghmel hekk kien jigi fl-inkwiet ma' wliedu l-ohra. Ghaldaqstant, id-dar qatt ma tnizzlet bhala propjeta tat-tnejn ghalkemm*

*jien kont qed nikkontribwixxi somma sostanzjali ghax-xiri taghha.*

*6. Minhabba s-sitwazzjoni tax-xoghol, kienet tkun difficli ghalina niltaqghu. Kien ikolli nitla' il-Mellieha wara l-part-time biex niltaqa' ma' Andrew fid-dar tal-genituri tieghu.*

*7. Jiena kelli diversi part-time jobs fl-ghaxija wara x-xoghol full-time ta' matul il-gurnata. L-ewwel part-time job kien l-iStanda u kont nispicca fis-7.00p.m. Domt sena nahdem hemm. Wara mort il-Piccolo Padre fejn hdimt ghal erba' snin u nofs. Kont nispicca f'xi nofs il-lejl - is-siegha ta' fil-ghodu u anke aktar tard, wara nibqa' sejra dritt id-dar. Wara l-Piccolo Padre hdimt ghal sena il-Mac Donald's fejn generalment kont nispicca tard filghaxija. Meta bdejt nahdem full-time is-Supermaster, ix-xoghol kien bix-shift u gieli hdimt sal-10.00p.m.*

*8. Ghalhekk jidher bic-car li ghalkemm kont jien li nitla' ghand Andrew, iz-zmien li kont inkun hemm filghaxijiet kien limitat. Veru li minhabba x-xoghol kont nasal tard u mhux dejjem ilhaqt kilt maghhom. Ta' spiss kien ikollhom xi disgwid bejniethom u jien kont inkun inbarazzata u kont noqghod kwieta.*

*9. Andrew wkoll kien jahdem part-time filghaxijiet. Fil-bidu li kont nahdem is-Supermaster, Andrew kien ftiehem mal-management li jaghmel xi xoghol hemmhekk filghaxija. Diversi drabi, izda, ghalkemm hu kien jghidli biex nghid lill-management li kien ser jidhol ghax-xoghol, hu xorta wahda jibqa' ma jigix u kien jitfani f'dell ikrah mal-management. Andrew qatt ma hassu responsabbli biex jonora l-ftehim li kellu mal-management tas-Supermaster.*

*10. Meta wasalna ghall-engagement party, Andrew ha hsieb jordna l-affarijiet ta' l-ikel filwaqt li jien kelli niksi u niddekora l-cake u naghmel xi candle decorations. Dak in-nhar tal-party, jien mort ghand hu Andrew, fejn sar il-party, biex nghin fil-preparamenti ta' qabel, izda mbaghad kelli nitlaq biex inhejji ruhi u mmur nara l-mama tieghi l-isptar. Dak iz-zmien il-mama tieghi ma kienitx tqum mis-sodda.*

*11. Andrew kien ihobb hafna l-kumpanija u jien diversi drabi kont nilmenta mieghu li qatt ma kien ikollna cans nitkellmu ghax dejjem bin-nies maghna. Il-mumenti wahedna kienu rari. Anke meta konna ninzertaw it-tnejn off mix-xoghol, kien jistieden lil xi hbieb jew familjari biex johorgu maghna minkejja li jien kont noggezzjona hafna ghal dan.*

*12. Andrew dejjem kien jaghzel il-hbieb tieghu u jaghmel il-pjanijet minghajr ma jinvolvi lili fid-diskussjonijiet. Sahansitra kien jistieden il-hbieb id-dar ghall-ikel u meta kien jidhirlu li qatta zmien bizzejjed, hu jidhol jorqod u jhallini wahdi maghhom. Dan l-izjed li ghamlu meta l-mistednin kienu hbieb jew familjari tieghi.*

*13. Tant ma kienx jikkonsidrani li meta konna nkunu mistednin ghal xi tieg tal-hbieb tieghi, hu kien jiddeciedi li ma jigix. Din grat izjed minn darba.*

*14. Ftit xhur qabel izzewwigna, Andrew rcieva somma ta' flus minghand missieru. Jiena stennejt li din ser juzaha biex intaffu mill-ispejjez tad-dar halli nkunu nistghu nibdew familja minghajr hafna dewmien. Minflok, Andrew mar u xtara karozza ta' Lm13,000 u cabin cruiser ta' xi 23 pied SeaRay. Qabel xtrahom Andrew lili ma qalli xejn - taghjieli "sorpriza". Dan l-infiq zejjed, bla razan u extravaganti ta' Andrew baqa' anke wara z-zwieg u kien sors ta' dizgwid serju bejnietna.*

*15. Il-mama tieghi dejjem kienet ta' ezempju tajjeb ghalija anke wara li mardet. Hija dejjem ghallmitni nirrispetta 'l haddiehor u nkun persuna responsabbli. Meta ma setghetx taghti l-kontribut taghha fid-dar minhabba l-marda taghha, preferit li tmur toqghod l-isptar biex ma tkunx ta' piz ghalina. Din kienet decizjoni iebsa hafna ghaliha ghax kif tghidli hi stess 'iccahhadt minn kollox biex ma narakhomx issofru'. It-tieg tieghi giet b'hafna tbatija fizika ghaliha izda ma riditx tiddizappuntani ghax kienet taf kemm kienet importanti ghalija li hi tkun hemm.*

*16. It-tieg tieghi ma' Andrew thallas kollu kemm hu minn missieri (circa 450 mistednin) u jien hallast ghall-hwejjeg kollha tat-tieg, il-fjuri u d-dekorazzjonijiet. Anke fil-granet ta' qabel it-tieg, Andrew kien jigi d-dar u jiehu l-flus li jien kont inkun qlajt ghat-tieg biex "jiddepozitahom". Sahansitra anke missieri kien irrimarka li bilkemm kien itina cans narawhom sponuti mar-rigali l-ohra fuq il-mejda.*

*17. Ghalkemm jien minn dejjem xtaqt li mmorru honeymoon, Andrew dejjem qalli li ma kienx hemm flus ghal dan. Wara t-tieg morna dritt id-dar, Triq l-Gherien No. 2 u dan kien ghal habta tat-3.30am. Jiena kont hassejtha li ma morniex honeymoon u kienet weggatni. Xi gimgha fuq it-tieg niftakar li Andrew kien gab lill-bennej id-dar biex jaghmel xi xoghol fil-gnien u jiena rrimarkajt "mela flus biex iggib bennej biex jirranga u jzejjen il-gnien ghandna u biex immorru honeymoon ma kellniex - mank almenu gimgha Sqallija?" Naturalment Andrew cekken l-opinjoni tieghi u baqa' ghaddej bil-bennej u ghamel ix-xoghol fil-gnien kif ried hu (li qal li swielu xi Lm2,000).*

*18. Incident iehor li rrid insemmi huwa dak li gara xi sitt xhur wara z-zwieg. Ir-ragel tieghi dak iz-zmien kien jahdem il-Hyperion u baghtuh catering course f'lukanda f'Hamamet, Tunisia li kien ghal gimgha u ftehmna li mmur mieghu. Jiena f'dak iz-zmien kont qed nittama li din il-gimgha kienet isservina ta' honeymoon li ma konniex ghamilna meta zzewwigna.*

*19. Il-kors t'Andrew ftit li xejn kien jehodlu hin izda xorta wahda ma hassejtx li kien qieghed jaghmel il-holiday mieghi. Kont nispicca fejn il-pool wahdi waqt li hu jkun rieqed fil-kamra tas-sodda. Dan l-agir tieghu kien differenti minn meta konna mal-hbieb tieghu fejn qatta hafna hin hdejn il-pool maghhom. Ghalkemm ghamilna jumejn induru flimkien, nista' nghid li ma tantx kienet holiday ghalija, ghax sikwit kien jghajjarni b'persunti u minhabba f'hekk konna nispiccaw miksurin.*

*20. Wara z-zwieg, jien kont qed ninduna li Andrew kien qed ifalli ta' xejn b'xejn ix-xoghol li kellu mal-Gvern. Lili, min-naha l-ohra, kien ihallili lista ta' kontijiet x'inhallas mic-*

*cheque tal-paga tieghi. Dejjem kont nispicca bla flus waqt li hu kien iberbaq bl-addocc. Darba, xi sentejn wara z-zwieg, kont xtrajt boots ghall-birthday tieghi. Kont ferhana bih ghax minbarra li kelli bzonnu hafna, rari kont nixtri xi haga ghalija. Meta wrejtu lil Andrew, tant hadha bi kbira li nfaqt il-flus, li hatafli c-cheque book tieghi, qattghu fi tnejn u hadli z-zewg credit cards li kelli.*

*21. It-tensjoni bejnietna baqghet tikber. Sikwit kont immur id-dar tard mix-xoghol (kont qieghda nahdem part-time filghaxija s-Supermaster) u nsib in-nies ghall-ikel. Lanqas biss kont inkun avzata jew inkella kien icempilli x-xoghol biex javzani mhux biex jikkonsultani. Jien kont inkun ghajjiena u kull ma kont nixtieq kien li niekol bil-kwiet flimkien ma' zewgi u nqattghu ftit hin wahedna. Kompliet tiggrava, meta Andrew, minkejja l-oggezzjonijiet tieghi. hareg kandidat ghall-elezzjoni tal-Kunsill Lokali.*

*22. Ftit inqas minn sena qabel isseparajna, jien kont bdejt ninkwieta bis-serjeta dwar x'qed jigri mill-flus taghna. F'kexxun, fost hafna karti, sibt applikazzjoni ghall-Gold Card bil-firma tieghi li kienet iffalsifikata (figure 1). Sibt ukoll ittra lil Bank Manager li fiha kien qed jigi rakkommandat Andrew halli jkollu excess fuq il-credit cards tieghi u tieghu (figure 2). Dan kollu minghajr jien qatt ma gejt infurmata. Jien mort ghand dan il-bank manager - li kien habib ta' Andrew - biex iwaqqaf dan kollu (figure 3). Ftit wara, meta gejt mix-xoghol, sibt l-affarijiet kollha li kelli fil-mainbedroom mqallbin u mitfughin kif gie gie f'li spare bedroom, il-hgieg tal-frames tar-ritratti tat-tieg imfarrkin u affarijiet ohra tieghi imkissrin.*
*23. Meta rajt hekk l-ewwel hsieb tieghi kien li nahbi r-revolver Ii kont naf li Andrew kien izommu fil-komodin tan-naha tieghu ta' hdejn is-sodda. Meta nduna li kien nieqes, Andrew irrabja hafna u ridni naghtijulu dak il-hin stess.*

*24. Ftit ta' zmien wara jien kont ftaht qalbi ma' missier Andrew dwar is-sitwazzjoni xejn felici rigward il-problema finanzjarja taghna. Dakinhar ukoll kont fdajtu bir-rivolver t'Andrew. Missieru kien jipprova jikkalma s-sitwazzjoni, u kien jghidli "hu pacenzja ghax biz-zmien ingibuh lil Andrew".*

*25. Meta Andrew ra li jien ma kontx lesta li nohrog izjed flus minn tieghi ghall-kontijiet, kien jirvella u kien isabbat u jheddidni li se jkeccini l'barra ghax "hawn mhux tieghek".*

*26. Ta' min ighid li fid-dar (li kienet pjan wiehed) konna spiccajna b'zewg hi-fi's, erba telephones (wiehed minnhom fax), il-mobile tieghu u zewg video recorders. Dawn kollha ordnahom Andrew minghajr konsultazzjoni mieghi.*

*27. Jiena, meta bdejt nara z-zwieg taghna qed jitfarrak, kont heggigt lil Andrew biex immorru ghand Angela Abela, counselling psychologist, izda hu qatt ma xtaq. Kien jghidli li m'ghandux bzonn. Izda fl-ahhar, wara hafna perswazjoni, accetta. Morna darba. Izda s-sitwazzjoni bejnietna baqghet l-istess. It-tieni darba li morna kien ftit qabel ma sseparajna. Ghalija din kienet tard wisq. Kont iddejjaqt nisma' kliem ta' rikonciljazzjoni li ma jissarrafx f'fatti.*

*28. Andrew kien ilu li gie avzat mill-avukata tieghi li jien ridt nissepara. Meta mort lura ghand missieri, sikwit kien icempel u darba stedinni biex nohorgu nieklu. Kien l-anniversarju tat-tieg taghna. Morna nieklu bhala hbieb izda fl-ahhar xorta spiccajt li kelli nhallas jien ghax hu qal li ma kellux flus fuqu!*

*29. Ghalkemm tlaqt lil Andrew, jien ma xtaqtx li nispiccaw miksurin bejnietna, u ghalhekk hallejt kollox fl-ordni. Fil-fatt dak in-nhar li tlaqt hallejt id-dar nadifa, u ghaddejtlu l-hwejjeg kollha tieghu u poggejthom f'posthom. Jien jidhirli li ghamilt li stajt biex insalva z-zwieg tieghi izda ma sibtx kooperazzjoni."*

Illi gew prezentati wkoll erba' xhieda ohra mill-konvenuta li lkoll taw ix-xhieda taghhom permezz tal-procedura tal-affidavit, u dawn huma: Edgar Ruggier – missier il-konvenuta, Mary Lourdes Fava – kollega fuq il-post tax-xoghol tal-konvenuta, Carol Anne Mifsud – il-mara ta' hu l-attur u fl-ahharnett ta' Nathalie Ruggier – oht il-konvenuta.

**(B) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>**

Illi l-attur qed jitlob l-annullament ta-zwieg mal-konvenuta *stante* li qed jikkontendenti li l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga fuq id-drittijiet u dimirijiet essenzjali taghha; li l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li nkiseb bl-esklussjoni pozittiva taz-zwieg inniffsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga; u fl-ahharnett peress li qed jallega li l-kontendenti rabtu l-kunsens taghhom ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur kif ser ikun ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi dawn il-premessi jwasslu sabiex jinghad li l-attur qed ivvanta li l-imsemmi zwieg kien null u bla effett ghat-termini tal-**artikolu 19 (1) (g) u/jew (d) u/jew (f) tal-Att XXXVII tan-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.**

Illi fil-premessi tac-citazzjoni l-attur qal li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha liema premessa qeghda tirreferi ghall-artikolu **19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fl-istess premessi jinghad, li l-attur sostna li l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, liema premessa qeghda tirreferi ghall-artikolu **19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:

**"Artikolu 19 (1**) *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja*

*mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita` taz-zwieg *o meno* taht dawn iz-zewg sub-incizi separatament, u fl-ewwel lok, taht **l-artikolu 19(1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi **artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi ghar-rigward tal-istess **artikolu 19 (1) (d)** mill-provi migbura jirrizulta li l-kontendenti, qabel ma zzewgu, ma kkunsidrawx bis-serjeta` l-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. Fil-fatt inghad li l-kuncett ta' d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly"*.

*"Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism, immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961* ***Sabattani*** *held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'aementia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient*

*maturity of judgement to understand and choose marriage … … ... Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity … …".*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard*** in **'L'immaturite' et le consentement matrimonial"** (pg. 54-55) jghid is-segwenti:-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar, 2000); **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002); **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002); **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti esposizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment*

*refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties, which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring.* ***(Viladrich, P.J.*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"** *(Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*"Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".* (***Vidadrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi skond il-gurisprudenza nostrali d-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenjzlai taz-zwieg gew indirizzati b'dan il-mod fis-sentenza **"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed"** (P.A. (NA) 27 ta' Lulju 1999) inghad li:-

*"Fil-kawza **"Haidin vs Haidin"** (PA. (Q.K) 7 ta' Lulju 1994), il-qorti qalet illi m'ghandu jkun hemm ebda*

*motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li vermament ikun irid johloq 'a partnership for life'".*

*"Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta` u l-assistenza, l-unita` u l-indossubbilta' taz-zwieg, l-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-'communio vitae'. Fil-kawza* ***"Micallef vs Micallef'*** *deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi "*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ippruvat il-'*finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat

tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walsh"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. 14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jghati l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie insenjat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol.X p.912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jghati l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens*

*tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jghatu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il--Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilta' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cioe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilita` tal-familja. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"consortium vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilita' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossubbilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta` u formazzjoni tal-familja. L-ligi Maltija tippresuponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubbilta' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J. *Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li: *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on*

*marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns***, fil-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, "**Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions - A Historical Synopsis and Commentary".** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubbilta') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li inghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe':-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mil-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero' fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-omissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe' issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori iz-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi **l-artikolu 19 (1) (g)** jipprovdi li z-zwieg huwa null:-

*"(g) jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur".*

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (g)** jinghad skond ***J. Edward Hudson*** *"a condition could either be suspensive or resulutive. It is suspensive if it delays the entry in effect of the obligation of an act until the condition itself is fulfilled. It is resolutive if it dissolves the obligation only if it verifies itself and therefore renders it null. e.g. "I will live in marriage with you until I find someone who is more*

*wealthy than you”* (**“Handbook II for Marriage Nullity Cases”** pg. 107).

## (C) APPREZZAMENT TAL-PROVI

Illi minn ezami tal-provi prodotti, kemm mill-attur u kemm mill-konvenuta jirrizulta li kwazi bejn il-partijiet ma kien hemm emmozzjoni ta’ xejn bejniethom, u dan huwa ghall-kollox sorprendenti meta tqis li qabel ma zzewgu l-istess partijiet kienu ilhom mas-seba’ (7) jew disa’ (9) snin jafu lil xulxin.

Illi fil-fatt jidher li l-partijiet semmew hafna affarijiet inkluz il-komportament rispettiv tal-genituri taghhom u wkoll l-atteggjament ta’ parti lejn l-ohra u *vice versa* sabiex jiggustifikaw li dan iz-zwieg in verita` kien zball, u hadd mill-partijiet ma hares lejn in-nuqqas tieghu f’dan ir-rigward.

Illi din il-Qorti hija sorprisa b’dan stante li m’hemmx dubbju li f’dan iz-zmien kollu l-kontendenti kienu flimkien qabel ma waslu ghal tali zwieg, certament li kellhom bizzejjed opportunita` biex isiru jafu lil xulxin u jippjanaw l-affarijiet taghhom ghaz-zwieg, izda jidher li minflok l-istess partijiet utilizzaw iz-zmien sabiex jikkumbattu lill-genituri rispettivi ta’ xulxin u wkoll sabiex jaghtu t-tort ta’ din il-parti tal-hajja taghhom lil wiehed jew l-ohra rispettivament.

Illi jidher car li l-fatt li z-zwieg ma jirnexxiex mhux bazi sabiex jintalab annullament, izda sabiex tintalaqa’ din it-talba jrid ikun hemm mhux biss nuqqas ta’ mmaturita` u falliment f’dik li hija konvivenza ta’ bejniethom izda wkoll li l-kunsens ta’ wahda mill-partijiet jew tat-tnejn ikun vizzjat b’mod li wiehed jew l-ohra jew iz-zewg partijiet ma jkunux realment u effettivament irrealizzaw ghalxiex dehlin, u dan ineffett jikkonverti ruhu ghal nuqqas ta’ kunsens.

Illi mir-rizultanzi processwali jidher li l-unika raguni ghaliex l-istess partijiet dahlu ghaz-zwieg, kienet biss ghaliex huma kienu ilhom snin sostanzjali flimkien u ghalhekk ghalihom kienet min-naha wahda naturali li jaghmlu dan il-pass, u min-naha l-ohra kull parti hassitha bi tqila sabiex

tghid lil parti l-ohra li ma kienitx qed thoss dik l-imhabba w emmozzjoni necessarja li twassalhom sabiex it-tnejn li huma jidhlu f'*commitment* ghall-hajjithom u f'unjoni unika li jghixu ghal xulxin u flimkien.

Illi dan huwa manifestat mill-fatt li jidher li qabel iz-zwieg tkellmu fuq il-problemi kollha li kellhom u ghaddew minnhom inkluz fuq il-genituri taghhom, fuq ix-xoghol, u fuq id-dar jew fuq il-fond li akkwista l-attur, izda xejn fuq dak li kienu jhossu lejn xulxin u kif ser jaffacjaw il-hajja taghhom flimkien. Konferma ta' dan huwa l-fatt li wara z-zwieg ftit li xejn sar tentattiv minn parti jew ohra sabiex jaddottaw ruhhom ghall-hajja mizzewga, izda jidher li kemm kien possibbli l-istess partijiet zammew kull wiehed u wahda minnhom l-interessi taghhom, li hafna drabi ma kinetx tinvolvi l-partecipazzjoni tal-partijiet l-ohra fl-istess attivita.

Illi dan wassal ghall-konsegwenza li l-partijiet f'qasir zmien mid-data ta' dan is-suppost zwieg jirrealizzaw li huma kull ma kellhom bejniethom kienet biss hbiberija u l-ebda bazi kwalunkwe li fuqha tinbena unjoni serja ta' din in-natura, tant li ma l-ewwel maltemp il-partijiet marru ghal rashom jekk ukoll ma fittxewx lil haddiehor.

Illi dan juri li l-partijiet fl-istat li kienu qabel iz-zwieg u minhabba l-piz li l-konoxxenza taghhom u ta' xulxin gabet maghha, huma ghamlu dan il-pass importanti bla ma qatt fehmu u fl-istat li kienu lanqas setghu jifhmu, l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u d-drittijiet u fuq kollox id-dmirijiet li l-istess hajja essenzjalment u necessarjament timponi fuqhom, b'dan li dan iwassal ghal difett ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga minn kull parti f'din il-kawza li jirrendi l-istess zwieg null abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Illi ghalhekk invista tal-premess ma jidhirx li hemm bzonn li din il-Qorti tidhol fil-lamenteli l-ohra mressqa mill-attur fic-citazzjoni tieghu *stante* li la darba dan iz-zwieg diga gie dikjarat null l-ezami ta' l-artikoli l-ohra citati mill-attur fid-

dawl tal-provi prodotti jkun biss ezami akkademiku u xejn izjed.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta fit-18 ta' Lulju 1997 huwa null u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Bl-ispejjez tal-kawza jibqghu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**